MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 150/2001/1

**Dr Salvinu Galea M.D. u Grace Mizzi**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Dr. Salvinu Galea u ta’ Grace Mizzi, minnhom presentat fl-4 ta’ Lulju, 2001 li permezz tieghu, wara li ppremettew diversi affarijiet li din il-Qorti

ma tarax li f'dana l-istadju ghandha ghalfejn tidhol fihom, talbu hekk:

"Ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-General Services Board tal-25 ta' April, 2001 u tiddikjara illi l-ordni tas-CGMO li fuqha ttiehdu l-passi kriminali kontra l-esponenti hija illegali u ghalhekk nulla u bla effett".

It-Tabib Principali tal-Gvern, fir-risposta tieghu tad-9 ta' Lulju, 2001, wiegeb illi, ghar-ragunijiet migjuba fl-istess risposta, din il-Qorti ghandha tichad dana l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2002 l-abbili difensur ta' l-appellanti, l-Avukat Dott. Albert Camilleri, iddikjara ghan-nom ta' l-istess appellanti li l-meritu ta' dana l-appell kien gie ezawrit peress li l-komunikazzjonijiet tas-sistema tad-drenagg kienu saru fuq ordni tal-Qorti ta' Ghawdex kif titlob il-ligi u mhux kif ordnat mis-CGMO, u li ghalhekk l-unika haga li kien baqa' x'jigi deciz f'dan il-kaz kien il-kap ta' l-ispejjez.  Ghalhekk f'dik l-istess udjenza l-appell thalla ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez.

F'dana l-istadju hu opportun li wiehed josserva zewg punti in partikolari.  Fl-ewwel lok f'din il-kawza ma nstemghux xhieda; kulma hemm huwa r-rikors ta' l-appellanti b'sitt dokumenti annessi mieghu (Dokti. A, B, B1, C, D u E) u r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern b'erba' dokumenti (BG1 sa BG4).  Fit-tieni lok, dan huwa appell skond il-procedura specjali provduta fl-Artikolu 102(6) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija; din id-disposizzjoni tipprovdi li *"Mid-decizjoni tal-Bord ghas-Servizzi Generali jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell, fi zmien xahar minn dak in-nhar li d-decizjoni tigi mgharrfa lill-parti interessata; dan l-appell isir b'rikors f'kontestazzjoni mas-Supretendent tas-Sahha Pubblika".*

Issa, jekk wiehed jara l-Artikolu 102 tal-Kap. 10 kollu kemm hu, isib li dina d-disposizzjoni titratta dwar l-<u>ezekuzzjoni</u> ta' xoghol fil-bini ta' djar skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 97 u 100 ta' l-imsemmi Kap.

10 kif ukoll skond ir-regolamenti maghmula in forza tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-imsemmi Artikolu 102. In fatti s-subartikolu (3) tal-Artikolu 102 ikompli hekk:
Meta tinqala' kwistjoni dwar jekk xoghol ikunx gie maghmul skond id-disposizzjonijiet jew ir-regolamenti hawn fuq imsemmijin, din il-kwistjoni ghandha tigi deciza mill-Bord tas-Servizzi Generali.

Kwistjonijiet jistghu jingiebu quddiem dana l-Bord kemm minn individwu (li jkun f'dan is-sens qed "jappella" minn decizjoni ta' l-awtorita` sanitarja – ara s-subartikolu (4) ta' l-Art. 102), kif ukoll mill-istess Supretendent tas-Sahha Pubblika (subartikolu (5)). Pero` d-decizjoni tal-Bord, biex tkun appellabbli skond is-subartikolu (6) ga msemmi, trid tkun decizjoni fuq l-ezekuzzjoni ta' xogholijiet, jigifieri kif ghandhom jew m'ghandhomx isiru xogholijiet skond id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Id-decizzjoni li minnha qed jappellaw iz-zewg rikorrenti – it-Tabib Galea u Grace Mizzi – indirettament tghid kif ghandhom jew m'ghandhomx isiru xi xogholijiet. Din id-decizjoni – Dok. E annessa mar-rikors ta' appell – l-ewwel tipprova tiggustifika ghala l-ilment tar-rikorrenti maghmul taht is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 102 ma kienx gie kkunsidrat qabel mill-Bord, u wara tiggustifika l-"azzjoni" mehuda mit-Tabib Principali tal-Gvern u mill-Ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha. Din l-"azzjoni" kjarament tirreferi ghall-ordni tat-12 ta' Frar, 1998 (Dok. A) taht il-firma tal-*Principal Health Inspector* John Attard Kingswell, indirizzat lit-Tabib Galea, fejn dan kien gie ordnat sabiex jassigura li *"Premises [to] be regularly drained into the Public Main sewer within 15 days"*. Fuq l-istat ta' provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, b'ebda mod ma jista' jinghad li dana l-ordni kien b'xi mod wiehed illegali. Il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri iddecidiet kawza (ara s-sentenza ezibita mill-appellanti, Dok. D) b'mod li l-komunikazzjonijiet tal-katusi li gew ordnati kienu differenti minn kif setghu kienu prospettati mill-imsemmi *Principal Health Inspector* ma jfissirx li l-ordni tieghu kien wiehed illegali. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li l-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li tastjeni milli tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti peress li l-meritu llum jinsab ezawrit, tiddeciedi dwar il-kap ta’ l-ispejjez billi tordna li l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti solidament bejniethom.

---------------------------------TMIEM---------------------------------